# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Avviż numru: 5/2021 BS**

**Cedric Caruana**

**-vs-**

**Goran Bogdanovic**

**Il-Qorti;**

## A. Preliminari:

**Rat l-avviż** ta' Cedric Caruana[1] fejn talab lill-intimat Goran Bogdanovic ikun ikkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) rappreżentanti, rifużjoni ta' flejjes ġa mgħoddija mir-rikorrenti lill-intimat Goran Bogdanovic għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet fil-proprjetà ossija porzjon t'art fi Triq it-28 t'April 1688, il-Qala,

[1] Avviż a fol. 1 sa 2 b'dokument — skrittura privata — anness a fol. 3 sa 4.

Għawdex in konnessjoni ma' kuntratt t'appalt datat l-1 ta' Ġunju 2020 (Dok. 'A'), liema xogħlijiet qatt ma ġew esegwiti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenut Goran Bogdanovic[2] li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. *"ILLI in linja preliminari qed tiġi eċċepita l-intempestivita' stante li l-attur qatt ma ġie nofifikat b'ittra uffiċjali;*

2. *ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, kien l-istess attur li waqqaf lill-konvenut milli jibda jagħmel ix-xogħol mingħajr ebda raguni valida u dan wassal għall-preġudizzju fil-konfront tal-istess konvenut peress li kien diġa' ordna xi materjal u daħal f'impenji ma' terzi marbut ma' dan ix-xogħol u għalhekk minn issa qed jirriserva kull dritt u azzjoni skont il-Liġi kontra l-istess attur;*

3. *ILLI bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil- fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħrajn u bl-inġunzjoni minn issa tal-attur in subizzjoni."*

**Fliet l-atti;**

**Rat** l-iskrittura privata magħmula bejn il-partijiet fl-1 ta' Ġunju, 2020 li biha, oltre għal patteġġjamenti ulterjuri, l-partijiet qablu li l-konvenut—fl-iskrittura magħrufa bħala «il-kuntrattur»—kellu jeżegwixxi xogħol ta' żviluppar ta'

[2] Risposta a fol. 42.

porzjon art fi Triq it-28 ta' April, 1688, il-Qala, Għawdex appartenenti lill-attur fi proprjetà fi stat *shellform* bi ħlas totali ta' mija u tletin elf ewro (€130,000) VAT eskluż. Ix-xogħol ta' żviluppar kellu jibda sa mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 2021 u jiġi terminat sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' April, 2021 għajr għal ċirkustanzi indipendneti mill-konvenut fuq l-istess skrittura l-attur ħallas lill-konvenut ħamest elef (€5,000)—VAT eskluż—bħala depożitu mentri ntrabat li jħallsu għaxart elef ewro (€10,000) addizzjonali fi żmien xahrejn;[3]

**Rat** il-kopji ta' sensiela ta' messaġġi ċellulari li jidhru li għaddew bejn il-partijiet tramite s-sistema *WhatsApp*;[4]

**Rat** il-kopja tal-istqarrija rilaxxata mill-konvenut fil-15 ta' Lulju, 2021 ippreżentata mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri f'dawn il-proċeduri;[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' April, 2023 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq;[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2023, wara li ġew dikjarati magħluqa l-provi tal-konvenut, il-kawza ġiet iddifferita għal-lum għas-sentenza bil-fakoltà li jsiru n-noti tal-osservazzjonijiet finali;[7]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eseibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

## B. Provi:

[3] Skrittura a fol. 3 u 4.
[4] Kopji a fol. 62 sa 83.
[5] Stqarrija a fol. 133 sa 134.
[6] Verbal a fol. 184.
[7] Verbal mhux paġinat.

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Cedric Caruana**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[8] Jiddikjara li fl-2016 xtara żewġt idjar fi Triq it-28 ta' April, il-Qala, Għawdex. Iżid li waħda minnhom kienet imġarrfa mentri l-oħra kienet *unconverted*.

Jgħid li oriġinarjament ried jibdel dawn iż-żewġt idjar f'dar waħda għalih. Iżid li wara xi tliet (3) snin mindu xtara ottjena l-permessi relattivi għall-proġett li kellu. Jgħid li wara dan inbiddlu ċ-ċirkostanzi tiegħu u applika għall-permess differenti sabiex id-djar jibqgħu tnejn separati u *shell form* b'dan li mbagħad jinbiegħu.

Jiddikjara li l-aġent tiegħu—ċertu Shaun Micallef—sabblu lill-konvenut bħala bennej għal dan il-għan. Jgħid li dan ġara wara li lill-aġent staqsieh speċifikatament għall-bennej liċenzjat.

Jgħid li huwa u l-konvenut iffirmaw il-kuntratt ta' appalt anness mal-avviż li bih inbdew dawn il-proċeduri. Iżid li b'dan il-kuntratt il-konvenut intrabat jagħmel xogħol ta' bini u kostruzzjoni ta' żewġ (2) *townhouses* skont il-permess maħruġ sal-istat ta' *shell form*. Jgħid li x-xogħol kellu jibda sa mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 2021 u jitlesta sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' April, 2021.

Jiddikjara li mill-valur ta' mija u tletin elf ewro (€130,000) li qablu li kellu jitħallas lill-konvenut tax-xogħol tiegħu, huwa laħaq ħallas lill-konvenut ħmistax-il elf ewro (€15,000)— ħamest elef ewro (€5,000) fuq il-kuntratt u għaxart elef (€10,000) aktar tard.

[8] Affidavit a fol. 57 sa 59 b'dokumenti annessi a fol. 60 sa 90.

Jgħid li daħħlu l-*commencement notice* bil-konvenut deher fuqha bħala l-bennej. Iżid li l-parti tal-avviż relattiva għall-bennej imlieha l-konvenut stess inkluż in-numru li suppost kien tal-liċenzja tiegħu.

Jiddikjara li ftit wara li daħħlu l-*commencement notice* ċemplulu mill-*Building and Construction Agency* [l-Aġenzija għall-Bini u Kostruzzjoni] u infurmawh li n-numru indikat fuq l-avviz ma kienx tal-konvenut. Jgħid li hawn beda jinkwieta.

Jgħid li insista mal-konvenut sabiex jagħmillu rċevuta ta' dak li kien diġà ħallsu. Jannetti kopja tal-irċevuta.[9]

Jiddikjara li huwa beda jitlob lill-konvenut sabiex jibda bix-xogħol preparatorju bħall-għeluq tas-sit bl-ilqugħ, anke għaliex kienu qed jiġru warajh mill-*Building and Construction Agency* [l-Aġenzija għall-Bini u Kostruzzjoni]. Jgħid iżda li dan ma sarx.

Iżid li mhux talli l-konvenut anqas għamel ix-xogħol preparatorju iżda talli beda jitolbu aktar flus. Jgħid li huwa ma aċċettax li jgħaddilu aktar flus.

Jiddikjara li l-konvenut anqas beda aħseb u ara kemm għamel xi ħaġa mix-xogħol mitlub minnu. Iżid li anqas materjal ma ġab fuq is-sit.

Jgħid li l-konvenut beda jġib kull skuża immaġinabbli biex ma jagħmilx xogħlu—li ma kellux biżżejjed ħaddiema, li l-

[9] Irċevuta li tidher li nħarġet lill-attur minn ktieb tal-VAT numru MT19215232, intestat lill-konvenut, għall-valur ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) a fol. 60 b'nota ttajpjata li tidher iffirmata mill-konvenut li tispeċifika li tħallsu ħmistax-il elf ewro (€15,000) bħala depożitu bil-VAT inkluż għall-kostruzzjoni ta' djar fil-Qala għall-attur.

perit naqas f'xogħlu—sakemm imbagħad wasal li aċċetta li jtih il-flus lura.

Jgħid li minn hawn, kull darba li kienu jiftiehmu ġurnata u ħin sabiex jiltaqgħu sabiex il-konvenut iroddlu l-flus lura, l-konvenut kien jikkanċella.

Jannetti sensiela ta' messaġġi ċellulari mgħoddija bejnu u l-konvenut tramite *WhatsApp* li jgħid li juru dan.[10]

Jgħid li sa anke wasal li offra lill-konvenut sabiex iħallsu bin-nifs, inkluż b'messaġġ li għaddielu tramite l-aġent Shaun Micallef, iżda dan safa inutili.

Jgħid li huwa għalhekk qabbad kuntrattur ieħor skont dokument li jannetti kopja tiegħu.[11]

Jgħid li sal-lum il-konvenut għadu m'għaddielu xejn mill-flus lura u għalhekk kellu jagħmel din il-kawża.

**Mark Cini**, rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed[12] li huwa għamel riċerka dwar sit fi Triq it-28 ta' April, 1688, il-Qala, Għawdex.

Jgħid li sab żewġ (2) applikazzjonijiet li saru mill-attur; applikazzjoni numru PA/5835/16 bil-permess inħareġ fil-11 ta' Ġunju, 2018 u applikazzjoni numru PA/218/20 bil-permess inħareġ fit-23 ta' Ġunju, 2020.

Jippreżenta kopji taż-żewġ (2) applikazzjonijiet, permessi, pjanti approvati, u *site plans* [pjanti tas-sit].[13]

---

[10] *Printouts* ta' messaġġi ċellulari a fol' 62 sa 82.
[11] Dokument—*commencement notice*—a fol. 83 sa 90, datat it-23 ta' Frar, 2021 li juri li fis-16 ta' Settembru, 2021 deher ċertu Alfred Gatt bħala bennej liċenzjat għall-proġett tal-attur.
[12] Traskrizzjoni a fol. 135 sa 137.
[13] Dokumenti a fol. 99 sa 132.

**Shaun Micallef**, li kien sensar tal-attur, xehed[14] li l-attur kellu proprjetà li ried ibigħ. Jgħid li hu u l-attur fittxew bennej meta mbagħad huwa ltaqa' mal-konvenut li aċċetta jibni.

Jgħid li l-proprjetà tal-attur qiegħda fil-Qala u fil-bidu kienet proprjetà waħda mibnija u għalqa maġenbha. Iżid li wara nqasmet fi tnejn. Jgħid li l-konvenut kellu jibni ghall-attur.

Jgħid li l-attur kien intrabat li jbigh żewġ (2) proprjetajiet separati b'dan li kien marbut b'ċerti *timeframes*.

Jgħid li huwa, l-attur, u l-konvenut kienu ltaqgħu l-lukanda *Kempinski San Lawrenz* sabiex jiġi ffirmat kuntratt tax-xogħol. Jgħid li l-abbozz tal-kuntratt kien intbagħat lilu mill-konvenut bl-imejl imbagħad huwa daħħal xi dettalji u għaddieh lill-attur. Iżid li wara dan iltaqgħu u ġie ffirmat il-kuntratt.

Jgħid li dakinhar stess li ġie ffirmat il-kuntratt l-attur ta ħamest elef ewro (€5,000) lill-konvenut u dan fi flus kontanti.

Jgħid li jaf li wara dan l-attur ta għaxart elef ewro (€10,000) lill-konvenut iżda huwa ma kienx preżenti dakinhar. Jgħid li jaf b'dawn l-għaxart elef ewro (€10,000) addizzjonali għaliex imbagħad il-konvenut ta' rċevuta fiskali lill-attur għall-valur ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000). Jgħid li din l-irċevuta jaf biha għax il-konvenut bagħatha lill-attur miegħu.

[14] Traskrizzjoni a fol. 138 sa 143.

Muri kopja tal-irċevuta fl-atti proċesswali jagħraf l-istess bħala l-irċevuta li waslet għandu mingħand il-konvenut u li huwa għadda lill-attur.

Muri l-kuntratt ta' xogħol in atti jagħrfu bħala dak li ġie ffirmat mill-partijiet quddiemu. Jagħraf il-firem taż-żewġ partijiet fuq il-kuntratt ta' xogħol.

**L-Ispettur Bernard Charles Spiteri**, xehed[15] li bejn il-partijiet kontendenti hemm għaddejjin proċeduri kriminali li nbdew fuq kwerela tal-attur. Jgħid li dawn il-proċeduri huma kontra l-konvenut fuq akkużi ta' frodi u misapproprazzjoni.

Jgħid li l-attur jidher fil-proċeduri kriminali bħala *parte civile* fejn qed jgħid li huwa għadda ħmistax-il elf ewro (€15,000) lill-konvenut sabiex dan jagħmillu xi xogħol li ma sarx.

Jgħid li x-xogħol kellu jsir fi Triq it-28 ta' April 1688, il-Qala.

Jgħid li l-proċess kriminali nbeda fl-2022 u għadu fil-gbir tal-provi.

Jesibixxi kopja tal-istqarrija tal-konvenut.[16]

**Anas Al Ahmad**, xehed[17] li huwa kuntrattur tal-bini. Izid li lill-attur jafu għax tah biċċa xogħol ta' bini fil-Qala, Għawdex f'Marzu, 2021.

Jgħid li meta ħa s-sit f'idejh kien hemm għalqa, toqba żgħira, u binja antika. Jgħid li huwa kellu jibni żewġt (2)

[15] Traskrizzjoni a fol. 144 sa 146.
[16] Stqarrija a fol. 133 sa 134.
[17] Traskrizzjoni a fol. 147 sa 149.

idjar. Jgħid li effettivament kellhom jirranġaw il-binja l-antika u jibnu binja—dar—oħra.

Jgħid li meta ħa s-sit huwa kien għadu ma sar ebda xogħol fuqu. Iżid li anqas materjal ma kien hemm. Jgħid li huwa beda mill-bidu nett.

**Il-Perit Paul Dimech**, Assistent Perit mad-ditta tal-periti *Dimech Architectural Design,* xehed[18] li l-uffiċċju tiegħu ċċertifika xi xogħol li sar fi Triq it-28 ta' April 1688, il-Qala Għawdex. Jipprezenta kopja taċ-ċertifikati relattivi flimkien ma' sensiela ta' ritratti.[19]

Jispjega li ċ-ċertifikati saru fuq tliet (3) viżti tiegħu fuq is-sit u jindikaw id-data relattivi ossia: 3 ta' Settembru, 2021, 22 ta' Marzu, 2022 u 26 ta' Settembru, 2022.

**Margaret Said**, rappreżentanta ta' *Said Construction*, xehdet[20] li l-konvenut għaddilhom ħlas ta' ħmistax-il ewro (€15,000) għal liema ħarġu rċevuta. Tippreżenta kopja ta' ċekk datat it-28 ta' Awwissu, 2020 pagabbli lilhom fil-valur ta' ħmistax-il ewro (€15,000) u maħruġ minn ċerta Stephanie Micallef, *delivery note* numru 7106 datata t-28 ta' Awwissu, 2020 iffirmata minnha b'notament fuqha jaqra *«paid on a/c €15,000»*,[21] u abbozz ta' fattura numru 000020329, datata l-15 ta' Lulju, 2020, u maħruġa lill-konvenut dwar *«xogħol il-Qala»* fil-valur ta' ħamest elef seba' mija u sitta u tletin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€5,763.71).[22]

[18] Traskrizzjoni tal-25 ta' Novembru, 2022—mhux paġinata.
[19] Ċertifikati bir-ritratti magħhom a fol. 163 sa 176.
[20] Traskrizzjoni tal-25 ta' Novembru, 2022—mhux paġinata.
[21] Iċ-ċekk u d-*delivery note* t-tnejn a fol. 177.
[22] Abbozz a fol. 178 u 179.

Tgħid li l-abbozz tal-fattura kienet għal servizz provdut minnhom fi Triq il-Kunċizzjoni, il-Qala, Għawdex, fejn tassoru.

Mistoqsija x'kien is-servizz tgħid li kien għall-*cranes*, konkos u ramel kif ukoll għal tħammil.

Mistoqsija tiċċara dwar is-sit fi Triq il-Kunċizzjoni tgħid li l-konvenut kellu hafna kontijiet pendenti magħhom. Iżżid li kienu ġew sabiex jagħtu bejt kbir u lill-konvenut qalulu li jekk ma jaghmilx pagament sostanzjali ma jagħmluhx. Tgħid li eventwalment il-konvenut mar b'ċekk ta' ħmistax-il elf (€15,000) li huma poġġew *on account* tal-pendenzi kollha li kellu magħhom fuq hafna kontijiet differenti.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

**Preliminari:**

B'din l-azzjoni l-attur qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li jgħid li ħallas f'żewġ (2) pagamenti lill-konvenut favur xogħol ta' kostruzzjoni li l-konvenut kellu jagħmel għall-attur f'sit konsistenti f'binja antika u ġnien b'binja mġarrfa fuqu fi Triq it-28 ta' April 1688, il-Qala, Għawdex. B'dan kollu kellu jsir ai termini ta' skrittura privata f'forma ta' kuntratt ta' appalt datat l-1 ta' Ġunju, 2020. Ix-xogħol kellu jinbeda fl-ewwel ġimgha ta' Jannar, 2021 u jigi kompletat sal-aħħar ta' April, 2021.

Il-konvenut jilqa' għal dan billi jgħid li hemm l-intempestività stante li l-attur ma nnotifikahx b'ittra uffiċjali u li, mingħajr preġudizzju; [i] kien l-istess attur li waqqaf lill-konvenut mix-xogħol mingħajr raġuni valida b'dan wassal għall-preġudizzju għall-konvenut stante li kien laħaq għamel xi spejjeż, u; [ii] fi kwalunkwe każ it-

talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-attur u l-konvenut iffirmaw skrittura privata f'forma ta' kuntratt ta' appalt datat l-1 ta' Ġunju, 2020 skont liema l-konvenut kellu jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni għall-attur f'sit fi Triq it-28 ta' April 1688, il-Qala, Għawdex f'terminu enunċjat fl-istess kuntratt—ix-xogħol kellu jinbeda fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 2021 u jiġi terminat sal-aħħar ta' April, 2021.

Għal dan il-għan, u ai termini tal-istess kuntratt, l-attur ħallas lill-konvenut total ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) bil-quddiem; ħamest elef ewro (€5,000) mal-iffirmar tal-kuntratt, u għaxart elef ewro (€10,000) fi stadju aktar 'il quddiem.

Huwa ċar li dawn iż-żewġ ħlasijiet għal total ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) kellhom iservu bħala depożitu akkont tal-prezz globali tax-xogħol intrapriż mill-konvenut.

L-istess ħlas totali ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) mill-attur lill-konvenut ġie kkonfermat diversi drabi inkluż: [i] mix-xhud indipendenti Shaun Micallef li ra l-ħlas ta' ħamest elef ewro (€5,000) għaddej bejn il-partijiet dakinhar stess li attenda magħhom f'lukanda ewlenija f'San Lawrenz, Għawdex għall-iffirmar tal-kuntratt ta' appalt u rċieva mingħand il-konvenut irċevuta fiskali għall-valur sħiħ ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000); [ii] mill-irċevuta fiskali msemmija li għaddiet mingħand il-konvenut għal għand l-attur tramite x-xhud Shaun Micallef;[23] [iii] mid-diversi messaġġi ċellulari li għaddew bejn il-partijiet tramite s-

[23] Ref fol. 60 u 61.

sistema *WhatsApp*,[24] u wkoll; [iv] mill-istqarrija rilaxxata mill-konvenut stess lill-Pulizija ta' Malta.[25]

Jirriżulta għalhekk ampjament ikkonfermat li l-attur attjena mal-obbligu tiegħu skont il-ftehim tal-1 ta' Ġunju, 2020 billi għamel il-ħlas akkont u bil-quddiem dovut minnu lill-konvenut ai termini tal-istess.

Wara li sar dan il-ħlas mill-attur favur il-konvenut kien hemm immedjatament dewmien da parti tal-konvenut f'li jibda x-xogħol rikjest minnu skont il-ftehim tiegħu mal-attur.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur jgħid li għal dan id-dewmien il-konvenut prefiġa diversi skużi inaċċettabli.

Da parti tiegħu, il-konvenut, fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija ta' Malta[26] qabel inbdew proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u fuq talba tal-attur preżenti, dwar frodi u misappropriazzjoni, jgħid li x-xogħol ma nbediex meta suppost inbeda tort tal-perit tal-attur.

Il-konvenut iżda jonqos f'li jressaq provi dwar din ir-raġuni għad-dewmien mogħtija minnu. U ċertament ma jispjegax għalfejn ma setax almenu jidba b'xogħol preparatorju li kien qed jiġi rikjest mill-attur mill-awtoritajiet tal-bini konċernati, kif jixhed l-attur fl-affidavit tiegħu.

Li jirriżulta ċar mill-assjem tal-provi huwa li sa mill-bidu nett, il-konvenut kien qed jaġixxi b'mod konċernanti b'dan li jidher li fuq l-avviż li jintbagħat lill-awtorità relattiva qabel jinbdew ix-xogħlijiet, il-konvenut niżżel numru ta' liċenzja ta' bennej li ma kienx tiegħu. Dan jixhdu l-attur

[24] Ref. fols. 62 sa 82.
[25] Ref. il-parti relattiva tal-istqarrija a fol. 134.
[26] Kopja a fol. 133 u 134.

iżda ma ġiex kontradett mill-konvenut li, anzi, fl-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija jammetti li huwa mhux liċenzjat.[27]

Oltre minn hekk, mid-diskussjonijiet bejn il-partijiet kif jirriżultaw mill-messaggi ċellulari li għaddew bejniethom tramite s-sistema *WhatsApp* u li wkoll ma ġewx kontradetti; jirriżulta ampjament ċar li x-xogħol rikjest mill-konvenut baqa' ma nbediex, mank fi stadju preparattiv, bill-konvenut aċċetta li jirritorna l-valur ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) mħallas lilu mill-attur akkont tax-xogħlijiet li kellu jagħmel.

Tant ix-xogħol li kien ġie kkuntrattat jagħmel il-konvenut qatt m'għamlu u, anzi, anqas biss bdih, li jixhed fil-fatt il-bennej li eventwalment għamel ix-xogħlijiet lill-attur—Anas Al Ahmed—li l-istess xogħol għamlu kollu huwa, mill-bidu nett, bis-sit tal-attur sabu mhux mimsus.

Huwa ċar li skont l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet il-konvenut kellu jibda x-xogħol rikjest minnu u li dwaru kkuntratta u obbliga ruħu mal-attur fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 2021 u jespliċita l-inkarigu tiegħu billi jlesti l-istess sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' April, 2021. B'dan li fi Frar, 2021,[28] kienu diġà bdew id-diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar ir-rimbors tal-ħmistax-il elf ewro (€15,000) mill-konvenut lill-attur.

Tali diskussjonijiet baqgħu għaddejjin sa tal-inqas Novembru, 2021,[29] bil-partijiet għal diversi drabi jaqblu dwar data, ħin u post fejn jiltaqgħu sabiex il-konvenut jgħaddi l-flus lura lill-attur, l-attur jikkonferma l-istess

---

[27] Vide l-parti relattiva tal-istqarrija a fol. 134.

[28] Data li tirriżulta mill-messaġġi ċellulari li għaddew bejn il-partijiet tramite s-sistema *WhatsApp*—vide fol. 62.

[29] Data li wkoll tirriżulta mill-messaġġi ċellulari li għaddew bejn il-partijiet tramite s-sistema *WhatsApp*—vide fol. 82.

dettalji tal-appuntament il-lejl ta' qabel u għal darb'oħra dakinhar stess tal-appuntament, sabiex imbagħad, u konsistentement, il-konvenut jiġi b'xi skuża l-għaliex m'għandux il-flus għall-attur u jikkanċella l-appuntament.

Minn dan, din il-Qorti tikkontendi li l-appalt mogħti mill-attur lill-konvenut ġie formalment terminat qabel biss inbeda x-xogħol bil-konvenut aċċetta l-istess terminazzjoni mingħajr kundizzjoni, tant li qabel li jirrifondi l-flus kollha mħallsa bil-quddiem mill-attur lura lill-istess attur.

F'din l-istanza, li saret wara il-ftehim bejn il-partijiet li l-appalt kien terminat u li l-konvenut kellu jgħaddi lura l-flus imħallsa akkont mill-attur lill-attur, il-konvenut iżda jeċepixxi li huwa ma ġiex formalment notifikat b'ittra uffiċjali. B'hekk jgħid li din l-istanza hija intempestiva. Jeċċepixxi wkoll li l-appalt ġie terminat mingħajr raġuni valida u li huwa inkorra spejjeż akkont tax-xogħol rikjest minnu mill-attur għal liema jirriżerva d-drittijiet tiegħu skont il-Liġi.

Dwar l-intempestività stante n-nuqqas ta' ittra uffiċjali, din il-Qorti tosserva li s-subinċiż (5) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, jipprovdi li *l-kuntratt ta' appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-Qorti*.

Li l-attur informa lill-konvenut bit-terminazzjoni tal-appalt jirriżulta ċar u inkonfutabbli. Tant li l-konvenut aċċetta li jirritorna lura l-ħlas ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) magħmul lilu mill-attur u dan, mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Rigward l-esitenza *o meno* ta' raġuni valida għat-terminazzjoni tal-appalt, din il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatti tal-każ, ir-raġuni valida teżisti u tikkomprendi n-nuqqas tal-konvenut f'li almenu jibda b'xi xogħol preparatorju. Xi ħaġa li jirriżulta ampjament li ma saritx.

*Ciononostante*, din il-Qorti tosserva li ai termini tas-subinċiż (1) tal-Artikolu 1640 diġà msemmi, min jagħti x-xogħol jista' jittermina l-kuntratt ta' appalt meta jrid,[30] anke mingħajr raġuni valida.

B'dan iżda li:

- fis-subinċiż (2) l-istess Artikolu 1640 ikompli sabiex jipprovdi li f'każ ta' nuqqas ta' raġuni valida għall-ħall tal-kuntratt, min ikun ta' x-xogħol ikollu jħallas lill-appaltatur tal-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.[31] Kwistjoni li f'dan il-każ ma ssorġiex kemm għaliex ma saret ebda kontrotalba f'dan is-sens u kemm għax kif diġà ngħad, din il-Qorti tqis li kien hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tal-appalt;
- fis-subinċiz (3) l-istess Artikolu 1640 jipprovdi li fejn hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tal-appalt; min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol

[30] 1640. (1) *Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*

[31] 1640. (2) *Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.[32] Kwistjoni li wkoll ma ssorġiex fir-rigward ta' xogħol magħmul mill-appaltatur, stante li kif diġà ntqal il-konvenut baqa' anqas beda x-xogħol kuntrattat minnu, mentri dwar spejjeż inkorsi mill-appaltatur jingħad li:

Għalkemm f'din l-istanza l-konvenut jeċċepixxi li huwa inkorra xi spejjeż favur ix-xogħol kuntrattat minnu mal-attur, ebda provi ma nġabu għall-iskrutinju tal-Qorti dwar dan.

Semmai, li jirriżulta mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' Anas Al Ahmad huwa li ebda xogħol ma nbeda fuq is-sit tal-attur mill-konvenut u ebda materjal ma tħalla fuq l-istess sit.

Li jidher li seħħ, partikolarment mix-xhieda ta' Margaret Said, huwa li semmai l-ħmistax-il elf ewro (€15,000) mħallsa mill-attur lill-konvenut ġew utilizzati favur kontijiet oħra u indipendenti mill-attur li l-konvenut kellu mas-supplituri tiegħu.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tordna lill-konvenut Goran Bogdanovic iħallas lill-attur Cedric Caruana s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

---

[32] 1640. *(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara lijittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża, u bl-imgħax mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**